# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Joseph Mercieca u Spettur Carol Fabri)**

**vs**

**Salem M. Ali Elaidy u Abderraouf Barchech**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet fil-konfront ta`

(1) **Salem M. Ali Elaidy** (aktar l-isfel magħruf bħala "Elaidy") ta' 23 sena, bin Mansour u Nuran nee Lagarbi, imwieled Bengażi, l-Libja fit-8 t'April 1991 u residenti Ħal Far Tent Village, detentur tal-passaport Libjan skadut numru 260718;

(2) **Abderraouf Barchech** (aktar l-isfel magħruf bħala "Barchech") ta' 32 sena, bin Ali u Fatima nee Genedes, imwieled it-Tuneżija fis-27 ta' Ġunju 1982 u residenti Birkirkara u li għandu l-Passaport Tuneżin bin-numri W300122.

U li ġew akkużati talli nhar il-15 ta' Novembru 2014 għall-ħabta tad-9:00pm minn ġewwa Il-Ħarruba EF School of English fi Triq Santu Wistin, San Ġiljan (in succint) :

1. Tentattiv ta' serq kwalifikat bil-mezz, valur u bil-ħin li ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta tagħhom u dan a dannu ta' EF International Language Centre jew persuni oħra;

Barchech waħdu ġie akkużat ukoll talli (in suċċint) : -

2. Ikkommetta attakk u reżistenza kontra PS426 Anthony Portelli u PC605 Lino Parascandalo;
3. Ikkaġuna offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' PC605 Lino Parascandalo;
4. Kif ukoll talli nhar is-16 ta' Novembru 2014 għall-ħabta tas-2:00am ikkaġuna ħsara volontarja f'effetti misjuba fiċ-ċella 122 għad-dannu tal-Korp tal-Pulizija;
5. talli nhar il-15 ta' Novembru 2014 għall-ħabta tad-9:00pm minn ġewwa San Ġiljan u/jew matul dawn l-aħħar xhur f'dawn il-Gżejjer saq vettura bil-mutur ċjoe Peugoet 107, numru FQZ 816 minghajr liċenza tas-sewqan jew xort'oħra meta ma kellux liċenza valida tas-sewqan jew saq l-istess vettura b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni kbira jew b'mod perikoluż;
6. talli saq l-istess vettura mingħajr ma kienet koperta b'polza tal-assigurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi persuni.

7. Lil-Elaidy waħdu gie akkużat ukoll li f'dawn il-Gżejjer ikkommetta l-istess reati imputati lilu aktar il-fuq u li għalihom hemm il-piena ta' priġunerija fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża li kienet ġiet estiża permezz ta' sentenza mogħtija mill-Maġistrat Dottor Anthony Vella nhar l-24 t'Ottubru 2014 kif ukoll bi ksur ta' ordni ta' probation imposta fuqu bl-istess sentenza;
8. Kif ukoll li ż-żewġt imputati Elaidy u Barchech huma reċidivi ai termini tal-Artikoli 49 u 50 (u fil-każ ta' Elaidy) anke fl-Artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat li matul is-seduta tas-17 ta' Novembru 2014 l-Uffiċjali Prosekuturi ikkonfermaw l-imputazzjonijiet bil-ġurament u matul il-kors tal-eżami tal-imputati skont l-Artikoli 392 u 370(4) tal-Kodiċi Kriminali l-istess imputati wieġbu li ma kellhomx oġġezzjoni li l-każ jigi trattat bi proċedura sommarja;

Rat il-kunsens tal-Avukat Ġenerali a fol 23 li permezz tiegħu iddikjara li kien qiegħed jagħti l-kunsens tiegħu sabiex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja;

Rat li matul l-istess eżami tal-imputati ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputati, debitament assistiti mill-Avukat Difensur

tagħhom, tennew li m'humiex ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrihom.

Semgħet il-provi prodotti;

Rat in-nota ta' l-osservazzjonijiet;

Ikkunsidrat.

**A.** ***Il-każ kontra ta' Salem M. Ali Elaidy***

Qabel xejn jingħad li Elaidy jgħid li lil Barchech huwa ma kienx jafu u li huwa kien kompletament estraneju għal din is-serqa. Fi ftit kliem huwa jrid jgħid li f'dan il-każ huwa inzerta kien fil-post il-ħażin fil-mument il-ħażin bl-oġġett il-ħażin f'idu.

Il-provi f'dan il-każ huma prinċipalment dawk tal-aġenti tal-Pulizija li inżertaw kienu fuq il-post meta l-imputat Elaidy inqabad bis-sett tat-TV f'idu, is-Sibt fil-għaxija, fi Triq prinċipali f'Paceville. Dawn il-provi iridu jiġu moqrija fil-kuntest ta' kif l-imputat ġie misjub, fejn ġie misjub, x'kien qiegħed jagħmel meta ġie misjub u x'għamel meta ġie misjub u x'kien qiegħed ukoll jiġri qrib tiegħu b'mod li l-Pulizija kienu kostretti jintervjenu.

A fol 11 fl-istqarrija tiegħu Elaidy jgħid li huwa kien għaddej minn San Ġiljan. Għall-mistoqsijiet tal-Pulizija huwa wieġeb :

> M : kont ghaddej b'television u computer misruq, naqblu?
>
> T : b'television li kont ghadni kif sibt ma l-art hdejn sigra. Kont qed jiccekkjah, ghax xi haga differenti, gew il-pulizija dak il-hin, jien tfghajt it-television mal-art u hrabt nigri
>
> M : la int qed tghid li t-television sibtu ma l-art, ghaliex hrabt tigri?
>
> T: ghax hekk hsibt f'rasi. Il-pulizija mhux ser tfehmhom. Bdejt nibza.
>
> M: Jekk, dejjem skond int, ma ghamilt xejn hazin, minn xiex bdejt tibza?
>
> T: Ghax ghandi sentenza sospiza;
>
> M : Fuq serq ukoll is-sentenza sospiza li ghandek?
>
> T: Iva fuq serq.

Skont ix-xiehda tal-Pulizija involuti fil-każ, Elaidy instab ftit metri l-bogħod mill-lok minn fejn kienu insterqu s-sett tat-television u computer equipment u ċjoe Il-Ħarruba EF Language School of English fi Triq Santu Wistin, San Ġiljan. Fil-fatt a fol 83 PS1187 jgħid li waqt li kien hemm Peugoet 107 bajda nieżla **bir-reverse minn fuq il-bankina bil-but ta' wara mgħolli** lemaħ lill-Elaidy qiegħed b'sett tat-television f'idu. Kif qallu "x'inti tagħmel" **Elaidy telaq is-sett minn idu għal mal-art u telaq jiġri l-isfel.** Kien dan l-aġent tal-Pulizija li telaq jiġri warajh u wara rnexxielu jarrestah.

Din il-verżjoni ta' PS1187 hija msaħħa' b'dik ta' PC159 meta a fol 232 jgħid li l-Pulizija kienu nnotaw persuna b'television set f'idha eżatt taħt l-iskola tal-E. F. Kif dil-persuna rahom telaq is-sett tat-television minn idejh u telaq jiġri.

PC 131 a fol 127 jgħid li huwa ra lil Elaidy "ħiereġ b'television f'idu u vettura bajda tal-għamla Peugoet tirriversja bil-bagoll miftuħ". Din il-Peugeot kienet waslet ma Elaidy u kienet bil-bagoll miftuħ u kienet madwar karozza jew tnejn il-bogħod mill-karozza li kienu fiha l-Pulizija meta nterċettaw lil Elaidy.

Mix-xiehda ta' PC1045 a fol 225 jirriżulta wkoll li f'dik il-parti tat-Triq Santu Wistin huwa innota li kien hemm sett tat-TV mal-art u ftit metri aktar il-fuq minn dan is-sett kien hemm ukoll sett tal-computer mal-art.

Id-distanza qasira bejn il-post fejn instab Elaidy bis-sett tat-television f'idu u l-post minn fejn insteraq l-istess sett huwa muri wkoll mill-faxxikolu fotografiku, u b'mod partikolari mir-ritratt a fol 62.

Il-Qorti mhix konvinta mill-ispjegazzjoni mogħtija mill-imputat kemm fl-istqarrija tiegħu kif ukoll fid-deposizzjoni tiegħu a fol 551. Il-verżjoni mogħtija minnu li **sab** dan it-television set taħt siġra f'dik il-parti ta'

Paceville, fil-jum tas-Sibt fil-għaxija ma hija xejn kredibbli. Din in-nuqqas ta' kredibbilta hija msaħħa' bir-reazzjoni tal-imputat hekk kif intebaħ bil-karozza tal-Pulizija. Kieku verament kellu l-kuxjenza nadifa u kien minnu li dak it-television set sabu taħt is-siġra li semma' ma kellux għalfejn jitilqu minn idejh u jaħrab jiġri. Dan l-aġir isaħħaħ il-konvinzjoni ta' din il-Qorti li l-imputat kien parteċipi fis-serqa de quo.

Għalkemm l-imputat ma inqabadx ħiereġ bis-sett tat-television mid-dar in kwistjoni u għalkemm ma kienx hemm impronti diġitali tiegħu misjuba fil-lok ta' fejn seħħet is-serqa, il-fatt li kien fil-pussess tar-refurtiva viċin ftit metri biss mill-fond derubat huwa fatt li jkompli jsaħħaħ id-determinazzjoni ta' din il-Qorti dwar il-ħtija tal-imputat. Din iċ-ċirkostanza magħquda mal-fatt li l-Pulizija raw ukoll il-vettura Peugoet 107 tirriversja fuq il-bankina bil-but ta' wara miftuh u li kien, skont PC131 laħqet waslet ma' Elaidy, tkompli ssaħħaħ din il-konvinzjoni. Iżda fattur ieħor li din il-Qorti tieħu in konsiderazzjoni hija li minbarra dan is-sett tat-television kien hemm ukoll sett tal-computer li kien barra t-triq lest biex jinġabar u jiġi trasportat, kif ukoll li fil-fond derubat, kien hemm computers u sett ta' television oħra li kienu mneħħija minn posthom lesti biex jiġu misruqa wkoll.

Dan juri wkoll li din is-serqa kienet għadha qegħda sseħħ meta ġiet sfrattat mill-Pulizija. Il-fatt li Elaidy kien fil-pussess tar-res furtiva tant

qrib tal-fond derubat u tista' tgħid fi qasir żmien minn meta din is-serqa saret jew kienet qed issir, ukoll jimmilita favur is-sejbien ta' ħtija ta' Elaidy. Għalkemm huwa ma nqabadx ħiereġ mill-fond derubat bis-sett tat-television, huwa kien fil-pussess reċentissimu tal-istess sett derubat.

Illi kif intqal fis-sentenza mogħija mill-Qorti tal-Appell Kriminali Superjuri fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Aaron Cassar*** deċiża fl-10 ta' Diċembru 2015 :

> 8. Sejra issa ssir referenza għat-teorija Ingliża of unlawful possession of recently stolen goods. Kif intqal fl-Appell Kriminali Il-Pulizija v. Emanuel Seisun et, 26 ta' Awissu 1998, it-teorija Ingliża "of unlawful possession of recently stolen goods" issib ukoll applikazzjoni fis-sistema legali tagħna, għax in tema ta' law of evidence il-ġurisprudenza tagħna ssegwi ħafna dik Ingliża. Din it-teorija ma hi xejn ħlief l-applikazzjoni tal-buon sens għal ċirkostanzi partikolari li jkunu jirriżultaw pruvati, fis-sens li meta jiġu ppruvati ċerti fatti, dawn jistgħu waħedhom iwasslu raġjonevolment għall-konklużjoni li persuna partikolari tkun ħatja tar-reat ta' serq tal-oġġetti misjuba għandha jew, skont iċ-ċirkostanzi, tar-reat ta' riċettazzjoni ta' dawk l-oġġetti.
>
> 9. F'dik is-sentenza l-Qorti ċċitat mill-Archbold Criminal Pleading, Evidence and Practice (1997, paras. 21-125, 21-126):-
>
> "In R. v. Smythe, 72 Cr. App. R. & C.A., the court stressed that it is a misconception to think that recent possession is a material consideration only in cases of handling: it adopted the following passage from Cross on Evidence, 5th ed., p.49 (now 8th. ed., p.35): 'if someone is found in possession of goods soon after they have been missed, and he fails to give a credible explanation of the manner in which he came by them, the jury are justified in inferring that he was either the thief or else guilty of dishonestly handling the goods, knowing or believing them to have been stolen....The absence of an explanation is equally

significant whether the case is being considered as one of theft or handling, but it has come into particular prominence in connection with the latter because persons found in possession of stolen goods are apt to say that they acquired them innocently from someone else. Where the only evidence is that the defendant on a charge of handling was in possession of stolen goods, a jury may infer guilty knowledge or belief (a) if he offers no explanation to account for his possession, or (b) if the jury is satisfied that the explanation he does offer is untrue."

"Every case depends on its own facts .... It would be impossible to compile a definitive list of circumstances which might be relevant. They will include, however, the time and place of the theft, the type of property stolen, the likelihood of it being sold on quickly, the circumstances of the defendant, whether he has any connection with the victim or with the place where the theft occurred, anything said by the defendant and how that fits in or does not fit in with the other available evidence." [1]

10. Bħalma anke korrettement qal l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri, sija the absence of an explanation kif ukoll the failure to give a credible explanation jistgħu jwasslu għal inference ta' ħtija, inference li ma tinfiċjax fuq id-dritt tas-silenzju għax it-teorija kif esposta hi biss riżultat ta' l-użu tal-buon sens.

F'dan il-każ, il-Qorti jidhrilha li fiċ-ċirkostanzi aktar il-fuq riportati kif ukoll kif jirriżultaw mill-provi prodotti f'dan il-każ, Elaidy għandu jiġi misjub ħati tal-ewwel imputazzjoni kontestata lilu.

Il-Prosekuzzjoni ippruvat ukoll, sal-grad rikjest mill-Liġi li dan ir-reat ġie mwettaq matul il-perjodu operattiv ta' sentenza ta' priġunerija sospiża li hija eżibita a fol 19 u li l-identita tal-imputat ġiet ukoll ikkonfermata permezz tax-xiehda tal-Ispettur Carol Fabri a fol 336 fejn

għamlet dikjarazzjoni ċara t'identifikazzjoni tiegħu in konnessjoni mas-sentenza ta' priġunerija sospiża aktar il-fuq imsemmija.

**B. <u>Il-każ kontra ta' Abderraouf Barchech</u>**

Irid jingħad hawnhekk li minkejja li matul il-kors tal-proċeduri irriżulta wkoll li f'sede oħra l-imputat kien uża jew ġie użat għalih wkoll xi varjanti fl-ismijiet tiegħu, bħal per eżempju Hassan Ali Mohamed Abdel Raouff, u Hassan Ali Mohammed Abdel Raouf, u Mohfoudi Ali Hassan Abdell Raouf u Abdell Raouf Mohfoudi Ali Hassan, quddiem din il-Qorti l-imputat Barchech qiegħed jiġi mixli bl-isem ta' Abderraouf Barchech skont kif irriżulta mill-passaport Tuneżin tiegħu hawn fuq imsemmi. **<u>Matul il-kors ta' dawn il-proċeduri fl-ebda stadju dan l-imputat ma kkontesta l-identita' tiegħu jew li mhux l-istess persuna imsemmija fid-dokumenti uffiċjali li kopji tagħhom ġew eżibiti u b'hekk issottometta ruħu għall-ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti bħala li huwa l-istess persuna.</u>**

Il-Qorti għalhekk hija moralment konvinta mill-identita tal-imputat fis-sens li **Abderraouf Barchech**, iben Ali u Fatima nee Genedes, imwieled it-Tuneżija nhar is-27 ta' Ġunju 1982 u detentur tal-passaport Tuneżin numru W300122 (eżibit a fol 24) huwa l-istess persuna riferit bħala

**Hassan Ali Mohammed Abdel Raouf** bil-karta tal-identita Maltija numru 49044A kif indikat fil-fedina penali a fol 7, nonche **Mohfoudi Ali Hassan Abdell Raouf** li għandu n-numru ta' identifikazzjoni 07NNN-002 skont kif jidher mid-dokument ta' identifikazzjon maħruġ fit-8 t'Ottubru 2013 eżibit a fol 24, daqs kemm huwa l-istess persuna ta' **Hassan Ali Mohammed Abdel Raouf** bil-karta tal-identita Maltija 0049044A fuq id-dokument uffiċjali maħruġ minn Transport Malta a fol 49 u skont id-dettalji li jidhru wkoll fl-NPS 1/B/88/2014 eżibit minn WPS 3 Joanna Vella a fol 306 minn fejn jirriżulta l-isem tal-imputat bħala **Abdell Raouf Mohfoudi Ali Hassan**, mitwieled it-Tuneżija nhar is 27 ta' Ġunju 1982 u li għandu l-karta tal-identita Maltija 0049044A.

**<u>L-ewwel imputazzjoni – tenattiv ta' serqa kwalifikata</u>**

Matul l-operazzjoni tal-isfrattu tas-serqa da parti tal-Pulizija irriżulta li waqt li kien hemm Elaidy bis-sett tat-television f'idu kien hemm il-vettura Peugoet 107 li skont PC131 kienet ma Elaidy. PS 1187 jgħid li din kienet qed tirriversja fuq il-bankina bil-but ta' wara mgħolli u kif lemħuha (u s-sewwieq lemaħhom) din il-vettura telqet minn fuq il-post b'veloċita għolja. Ħadd mill-Aġenti tal-Pulizija li kienu fuq il-post ma rnexxielhom jidentifikaw lill-persuna li kienet qed issuq dik il-karozza. Huma rnexxielhom jidentifikaw li kienet karozza Peugoet 107 ta' kulur abjad.

A fol 84 PS1187 jgħid li huwa kien laħaq irrealizza li n-number plate kienet "IQZ", pero waqt ix-xiehda tiegħu dan l-aġent tal-Pulizija ma kienx wisq ċert minn dawn l-ittri l-anqas. PC1540 jixhed a fol 208 li dak li qalulu l-Pulizija li kienu fuq il-post u li laħqu raw minn number plate tal-Peugoet 107 qabel din ħarbet minn fuq il-post kienu l-ittri "QZ" u n-numri "81". PC159 itenni wkoll li dak li huwa kien laħaq ra' parti min-number plate tal-Peugoet kienu l-ittri "QZ" u n-numru "8".

Issa f'dan il-każ irriżulta li s-sieħba tal-imputat, Brenda Farrugia, kienet kriet karozza **Peugoet 107**, ta' **kulur abjad** mingħand Joseph Ciscaldi tal-Butterfly Garage bin-numru tar-reġistrazzjoni "F**QZ** **81**6". Din il-kirja kienet għal perjodu ta' bejn id-9 ta' Novembru 2014 u l-karozza ġiet ritornata lura lilu nhar is-16 ta' Novembru 2014.

Għalkemm il-Pulizija ma kienux kapaċi li jidentifikaw lill-Barchech bħala s-sewwieq tal-Peugoet 107 abjad bin-numri tat-targa li kien fihom "QZ" u "81", kien fil-fatt Barchech innifsu li fl-istqarrija tiegħu rabat lilu nnifsu mal-post fejn seħħet is-serqa dakinhar fil-għaxija tal-15 ta' Novembru 2014. Fl-istqarrija tiegħu a fol 14 et seq huwa jtenni li dakinhar tas-serqa huwa kien Paceville, għalkemm ma kienx jiftakar fi x'ħin kien hemmhekk. Huwa jgħid li waqaf ħdejn tat-taxi u kien hemm karozza tal-Pulizija ipparkjata, huwa pparkja warajha, xtara pizza u

telaq lejn id-dar. Meta kien Paceville kien diġa dalam. Huwa jammetti li l-Peugoet FQZ 816 kienet mikrija minn martu mingħand il-Butterfly Garage u li kienu jsuquha martu u hu stess, u l-bqija ħadd. Dakinhar tal-15 ta' Novembru 2014 kien qiegħed isuqha hu minn xi l-17:00 jew 16:00.

Issa matul il-kors tal-investigazzjoni huwa ġie mistoqsi hekk : -

M : Il-pulizija ghandha provi li int hrabt minn fuq il-post fi Triq Santu Wistin, San Giljan, cioe' minn quddiem *Il-Harruba EF School of English*, meta waslu fuq il-post il-pulizija; int xi twiegeb?

T: Jien ma hrabtx.

M: Soqt l-hemm allura?

T: Jien li waqft hdejn tal-pizza biss.

M: Il-problema mhux li waqaft imma li hrabt. Il-pulizija kemm in-numru, kemm il-make, u kemm il-kulur tal-karozza gharfu. Allura kif qed tghid li ma hrabtx minn fuq il-post int?

T: Jien normali soqt minn fejn kont ipparkjat. Il-pulizija rawni pparkjat hemm u ma kellmunix.

M: Il-pulizija ma kelmukx ghax hrabt, le?

T: Jien ma hrabtx.

M: Waqt li kont Paceville, meta inzilta tixtri pizza, int innutajt xi hafa m'hix tas-soltu x'imkien?

T: Le. Paceville kien mimli nies il-bierah.

M: Jigifieri ma rajtx xi television mitluq mal-art?

T: Le, xejn ma rajt.

Minn din l-istqarrija jirriżulta li huwa kien Paceville, fl-inħawi fejn seħħet is-serqa, u li kien hemmhekk fil-għaxija. Jirriżulta wkoll li huwa kien qiegħed isuq il-karozza **Peugoet 107**, ta' **kulur abjad** u li kellha n-numru tar-reġistrazzjoni "F**QZ** **81**6".

Għalkemm fl-istqarrija tiegħu ma jagħtix dettalji għal x'ħin huwa kien jinsab Paceville dakinhar fil-għaxija huwa ċar li huwa kien hemmhekk wara li dalam. Dan peress li meta qabel kien il-Belt għand id-Diana Kiosk huwa jgħid li kien diġa dalam; u Paceville mar wara li kien qiegħed jixrob għand id-Diana Kiosk. Il-karozza de quo kienet fil-pussess tiegħu bejn l-16:00 u l-17:00. Pero a fol 519 jgħid li mar jieħu l-Pizza f'Paceville wara s-sitta (ta' fil-għaxija) iżda ma kienx laħaq saru d-disgħa ta' fil-għaxija. A fol 499 pero jgħid li meta mar iwassal lil ħabibu mill-Kanada li kien qiegħed jixrob miegħu il-Furjana/Belt, kienu s-sitta u xi ħaġa u huwa qal li baqgħa sejjer lejn tas-Sliema jagħmel dawra u wara niżel San Ġiljan u mar jagħmel dawra hemmhekk u waqaf jiekol pizza fejn hemm tat-taxi. Dan għamlu wara li daħal mis-Swieqi fejn hemm il-mina u niżel isfel lejn il-bajja, dawwar u ħa l-pizza. Wara li ħa l-pizza huwa qal li dawwar u telaq billi saq bilmod għaliex hemmhekk kien hemm in-nies u ma setgħax isuq b'veloċita għolja. Minn hemm huwa jgħid li baqa' sejjer lejn id-dar. A fol 500 huwa jgħid li dan kien għal ħabta tas-sebgħa ta' filgħaxija. Kif wasal id-dar jgħid li qagħad jitkellem mal-mara, raqqad lit-tfal u wara hu u l-mara tiegħu daħlu jorqdu. Hekk kif kien rieqed fis-sodda ġiet il-mara u qajmitu u kif qam sab lil Pulizija

ma wiċċu li akkużah bis-serqa.  Dak il-ħin li ġew il-Pulizija kienu xi nofs il-lejl u a fol 502 jgħid li kien ilu rieqed xi sagħtejn jew sagħtejn u nofs żgur.

Hawnhekk pero l-Qorti tinnota li hemm nuqqas ta' qbil serju u inkonsistenzi inspjegabbli bejn dak li xehed l-imputat Barchech u dak li xehdet Brenda Farrugia.  Dawn l-inkonsistenzi jimminaw serjament il-kredibbilita tax-xiehda tagħhom.

A fol 518 Farrugia tgħid li Barchech daħal id-dar **<u>hekk kif hija kienet għadha kif raqdet lit-tfal.</u>**  Kemm a fol 501 kif ukoll a fol 524 Barchech minn naħa tiegħu jgħid li lit-fal raqqadhom hu wara li huwa kien daħal id-dar! Liema hija l-verita? Li tfal kienu għadhom kif ġew imraqda minn ommhom u fis wasal id-dar l-imputat jew li t-tfal kien raqqadhom hu flimkien ma Farrugia?  Dettall li jidher insinjifikanti iżda li juri diskrepanza fejn ma kellux ikun hemm – kieku t-tnejn kienu qed jgħidu l-verita.

Apparti minn hekk, diskrepanza ferm aktar importanti u serja hija dik li tolqot il-ħin li fih l-imputat wasal id-dar mill-mawra tiegħu f'Paceville dak inhar li seħħet is-serqa.  Farrugia żżid li x'ħin daħal kienu xid-disgħa u nofs jew l-għaxra u nofs ta' filgħaxija.  Hawnhekk diġa hawn

diskrepanza ta' siegħa sħiħa kommessa mill-istess xhud. Pero aktar minn hekk din turi differenza kbira bejn dak li jgħid l-imputat (u ċjoe li huwa wasal id-dar għal-ħabta tas-sebgħa ta' filgħaxija) u dak li tgħid Farrugia (u ċjoe li huwa daħal bejn id-disgħa u nofs jew l-għaxra u nofs ta' filgħaxija) għaliex bejniethom hemm differenza ta' sagħtejn u nofs jew tliet siegħat u nofs dipendenti fuq liema ħin temmen lil Farrugia li daħal fih Barchech. Din id-diskrepanza daqstant qawwija turi li xi ħadd minnhom mhux qiegħed jgħid il-verita dwar x'ħin daħal lura d-dar dakinhar tas-serqa.

Pero aktar importanti minn hekk jekk il-verżjoni tal-imputat titwemmen, huwa ma setgħax ikun Paceville bil-karozza de quo fil-ħin tas-serqa li seħħet għall-ħabta tad-disgħa ta' filgħaxija. Mentri jekk il-verżjoni ta' Farrugia titwemmen, allura jkun ifisser l-preżenza tal-imputat Barchech bil-karozza de quo Paceville għall-ħabta tad-disgħa ta' filgħaxija issir aktar verosimili u probabbli. Il-Qorti m'għandhiex għaliex ma temminx lil Farrugia fuq dan il-punt.

Mill-banda l-oħra x-xiehda ta' Brenda Farrugia ma tistax titwemmen f'kull ma tgħid u dan bil-provi. Hija tgħid li f'mument minnhom meta żewġha kien daħal lura d-dar hija kienet marret iċċaqlaq il-karozza de quo għaliex ma kienetx ipparkjata sewwa. Dan id-dettal ma kienetx xehdet dwaru qabel is-seduta tal-4 ta' Diċembru 2015; iżda zieditu meta

xehdet f'dik id-data. Dan wara li l-Prosekuzzjoni resqet ix-xiehda ta' diversi agenti tal-Pulizija li jgħidu li meta marru biex jarrestaw lil Barchech il-karozza de quo kellha l-bonnet li kien għadu sħun – fatt li juri li meta marru l-Pulizija biex jiġbru lil Barchech għall-ħabta ta' nofs il-lejl, fix-xahar frisk ta' Novembru, il-bonnet kien għadu sħun – li jindika li l-karozza kienet intużat ftit ħin qabel il-wasla tal-Pulzija. Il-Prosekuzzjoni għalhekk tislet argument li dan kien ifisser li l-imputat ma kienx ilu li daħal id-dar wara li kien saq dik il-karozza.

Ix-xiehda ta' Brenda Farrugia a fol 544 hija intiża li tinnewtralizza din l-ipoteżi u b'hekk hija tipprova tikkolloka ruħha fl-istorja billi a fol 546 hija tgħid li meta żewġha kien rieqed fis-sodda hija ċaqalqet il-karozza minħabba li kienet ipparkjata f'post ħażin. A fol 547 tgħid li hija daret dawra mal-blokka u reġgħet sabet post aħjar man-naħa tal-grada tal-blokka. Hija tgħid li dan kien ftit qabel ma waslu l-Pulizija. Il-Qorti fuq dan il-punt ma temminhiex. Dan l-episodju taċ-ċaqlieq tal-karozza ma semmitux meta xehdet l-ewwel darba – u kien fattur importanti sa mill-bidu nett li kienu xehdu l-Pulizija li kkonstataw il-bonnet sħun. L-imputat Barchech dwar dan l-allegat ċaqlieq tal-karozza ma jsemmi xejn. Anzi għal bidu tad-deposizzjoni tiegħu jagħti l-impressjoni li Farrugia kienet rieqda miegħu fis-sodda l-ħin kollu qabel ma ġew il-Pulizija biex jiġbruh. Iżda aktar tard meta kien mistoqsi dwar il-possibililta li Farrugia ċaqilqet hi din il-karozza l-imputat ma jiċħadx li hija setgħet

għamlet dan waqt li kien rieqed huwa. Biss dwar dan il-punt taċ-ċaqlieq, ix-xiehda tal-imputat ftit li xejn tgħin.

Apparti minn hekk ix-xiehda ta' Farrugia hija wkoll milquta minn ineżattezzi serji ħafna anke fuq dettalji li jidhru insinjifikanti bħal perjodu li hija kienet kriet il-karozza. A fol 546 hija tgħid li hija kienet kriet il-karozza ftit qabel pero ma kienetx tiftakar id-data bl-eżatt. Hija tgħid li kienet ilha li krietha għal ftit xhur il-karozza. Biss aktar l-isfel a fol 546 hija kkoreġiet lilha nnifisha u qalet li kienet ilha li krietha ftit ġimgħat u mhux xhur. Il-Qorti għamlithilha mistoqsija ċara u speċifika a fol 546 fis-sens jekk kienetx ċerta kienetx krietha għal ftit ġimgħat u mhux ftit jiem. Hija tirrepeti li kienet krietha għal ftit ġimgħat. Hawnhekk il-Qorti tinnota li din hija xiehda żbaljata kompletament. Jidher ċar kristall mix-xiehda ta' Joseph Ciscaldi tal-Butterfly Garage u l-kopja tal-kuntratt eżibit a fol 82 li l-karozza de quo kienet krietha biss għal ftit jiem kif issuġġeritilha l-Qorti u mhux ftit ġimgħat. Hija krietha bejn id-9 ta' Novembru 2014 u s-16 ta' Novembru 2014 u kienet ħalset ta' ġimgħa kiri. Issa l-Qorti ħasbet fit-tul għaliex hawnhekk Farrugia ma qalitx is-sewwa fuq dan id-dettall li forsi jidher insinifikanti. Iżda insinifikanti mhix għaliex kirja ta' ftit jiem ta' karozza li allegatament tintuża fil-kommissjoni ta' serqa minnha nnifisha tqajjem suspett. B'hekk Farrugia jidher li riedet titbiegħed minn din il-kirja ta' ftit jiem u pruvat tissostitwiha billi tgħid li kriet il-karozza għal ftit ġimgħat – fatt li naturalment jibdel ix-xenarju kompletament. Din in-nuqqas ta' verita

iddgħajjef il-kwalita tax-xiehda ta' Farrugia u l-kredibbilita tagħha fuq dan il-punt.

Biss in-nuqqas ta' verita fil-verżjoni tal-fatti rakkontata mill-imputat Barchech tirriżulta wkoll minn dettalji oħra mhux biss dwar x'għamel dakinhar tas-serqa u fejn kien fil-ħinijiet l-aktar rilevanti għal dan il-każ, iżda wkoll fuq dettalji sinjifikanti oħra. Hekk per eżempju dwar ir-relazzjoni li kien hemm jew li ma kienx hemm bejnu u bejn il-koimputat Elaidy. Fid-deposizzjoni tiegħu a fol 505 l-imputat itenni li lill Elaidy kien jafu minn wiċċu u li ma kienx ħabib tiegħu. Hu jgħid li qatt ma kelmu u qatt ma ltaqagħu fuq mejda u kien jafu biss minn wiċċu. Huwa jgħid li jista' jkun li xi darba raħ il-gabbana l-Belt, pero qatt ma kien tkellem ma' Elaidy. Pressat mill-Uffiċjal Prosekutur biex jgħid jekk dakinhar tas-serqa kienx ra lil Elaidy, l-imputat a fol 520 huwa kemxejn evażiv fis-sens li huwa jgħid li kien rah lill-Elaidy iżda ma kienx jiftakar jekk kienx rah fl-istess jum jew kienx rah fil-jum ta' qabel. A fol 521 jgħid li huwa qal lil Pulizija li lil Elaidy kien rah il-belt iżda ma kienx jiftakar jekk kienetx dik il-ġurnata jew qabilha. Hawnhekk il-Qorti tqis li huwa aktar opportun li tistrih fuq dak li kien qal fl-istqarrija dwar dan il-punt.

A fol 16 tal-istqarrija jingħad is-segwenti : -

> M: int lil Salem Elaidy kif tafu?
>
> T: Nafu l-Belt.

M: Fejn iltaqjt ma Salem Elaidy l-bierah u ghal x'hin?

T: Il-bierah *(ċjoe fil-jum tas-serqa)* rajtu id-Diana Kiosk. Kont fuq mejda ghalija, kemm hadt tnejn birra u tlaqt. Dan kien filghaxija u kien diga dalam.

F'din is-silta jirriżulta li lil Elaidy kien rah dakinhar li seħħet is-serqa u rah filgħaxija wara li kien dalam u dan qabel ma huwa mar Paceville. Il-Qorti tqis dan il-fatt bħala interessanti u importanti wkoll. L-imputat għalhekk bl-ammissjoni tiegħu stess mhux biss iqiegħed lilu nnisfu fil-post fejn seħħet is-serqa u ċjoe Paceville, iżda bl-ammissjoni tiegħu stess iqiegħed lilu nnifsu almenu viċin ħafna tal-koimputat li fil-ħin tas-serqa instab b'television set f'idu. Dawn huma fatti li l-Qorti ssibha bi tqila tqishom bħala li ma humiex relatati mas-serqa jew li kienu biss ko-inċidenżi.

Il-Qorti ssibha bi tqila tifhem għaliex kien hemm dawn l-inkonsistenzi fix-xiehda tad-difiża fuq fatti li ma kellhomx ikunu soġġetti għal inkonsistenzi li kieku l-imputati kienu qegħdin jgħidu l-verita li kienu estraneji għal din is-serqa de quo. Il-Qorti tqis li l-evidenza diretta u dik ċirkostanzjali f'dan il-każ iwasluha sal-grad tal-konvinċiment morali li l-imputat Barchech, bħall-imputat Elaidy, kien involut fis-serqa tal-oġġetti mill-fond de quo.

Din l-evidenza preżentata mill-Prosekuzzjoni tikkonvinċi lil din il-Qorti lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li mhux minnu li Barchech waqt li kien id-Diana Kiosk ma kellimx lil Elaidy. Tkun kumbinazzjoni wisq kbira li Barchech u Elaidy kienu fl-istess post ftit ħin qabel din is-serqa u li ma tkelmux. Barchech stess jikkolloka lilu nnifsu viċin ħafna ta' Elaidy dakinhar ftit ħin qabel is-serqa għand id-Diana Kiosk.

Il-Qorti hija moralment konvinta wkoll li kien Barchech li kien qiegħed isuq il-vettura li raw il-Pulizija viċin ħafna tal-fond derubat u li kienet il-karozza Peugoet 107 bajda, bin-numru tar-reġistrazzjoni li in parti kien jaqra **QZ u** **81**. Il-karozza li Barchech jammetti li kien qiegħed isuq f'Paceville dakinhar tas-serqa u ftit ħin qabel il-kommissjoni tas-serqa kienet (1) Peugoet 107; (2) bajda; (3) bin-numru tar-reġistrazzjoni F**QZ 81**6. Għal darb'oħra kienet tkun kumbinazzjoni wisq kbira li l-karozza involuta f'din is-serqa kienet karozza differenti minn dik li Barchech jammetti li kien qiegħed isuq ftit ħin qabel.

Din il-karozza kienet qegħda tinstaq viċin ħafna ta' fejn kien hemm ir-*res furtiva* – in parti mal-art lesta biex tiġi mgħobbija u in parti f'idejn Elaidy. Il-karozza misjuqa mill-imputat Barchech kienet qegħda tinstaq bir-*reverse* fuq il-bankina u skont il-PC131 kienet ukoll waslet mal-imputat Elaidy li kellu f'idu t-television set u kienet bil-hatch ta' wara mgħollija waqt li kienet qegħda tinstaq bir-*reverse*. Dan il-fatt waħdu

diġa huwa indikazzjoni qawwija fih innifsu ta' kemm il-ħsieb kien li din il-karozza tiġi wżata biex fiha tinġarr ir-*res furtiva*.

Għalkemm mix-xiehda tal-Pulizija **biss** ma kienx ikun possibbli li jiġi konkluż li Barchech li kien qiegħed isuq dik il-karozza involuta fis-serqa, mill-banda l-oħra huwa Barchech stess li fl-istqarrija u fid-deposizzjoni tiegħu mhux biss iqiegħed lilu nnifsu fil-post tas-serqa waqt li kien qiegħed isuq il-karozza Peugoet 107 bajda F**QZ** **81**6 (li raw il-Pulizija involuti), iżda huwa stess li jikkolloka lilu nnifsu viċin tal-ko-imputat Elaidy ftit ħin qabel is-serqa għand id-Diana Kiosk fil-Belt Valletta. Din il-Qorti ssibha diffiċli li tqis dawn biss bħala ko-inċidenzi jew kumbinazzjonijiet jew li l-preżenza tiegħu fid-Diana Kiosk u Paceville ftit qabel is-serqa kienu purament każwali jew mhux relatati mas-serqa. Anzi meta jiġu mgħarbla mal-assjem tal-provi viva voce tal-Pulizija li tresqu tqishom bħala evidenza ċirkostanzjali importantissima minsuġa flimkien jikkonvinċu lil Qorti lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni dwar il-veraċita tat-teżi tal-Prosekuzzjoni. Il-Qorti għalhekk sejra ssib lil Barchech ħati tal-ewwel imputazzjoni.

**It-tieni imputazzjoni – attakk u reżistenza kontra Aġenti tal-Pulizija**

Mill-provi prodotti fir-rigward ta' din l-imputazzjoni din il-Qorti ssibha diffiċli tikkonkludi li l-Prosekuzzjoni ppruvat l-elementi kollha tar-reat previst fl-Artikolu 96 tal-Kodiċi Kriminali. Dan peress li jirriżulta mix-xiehda ta' PS426 u PC605 li l-azzjoni tal-imputat Barchech waqt li kien fil-Poliklinika ma kienetx dik li jikkommetti r-reat ta' attakk u reżistenza lil Uffiċjal Pubbliku. Minn dak li xehed PS426 jirriżulta li wara li l-imputat ġie infurmat li ma kienx sejjer jittieħed l-isptar Monte Carmeli huwa beda jagħmel atti ta' persuna f'dilirju fis-sens li beda jistabat mal-ħitan u jsabbat fuq l-affarijiet. Verament li dan ix-xhud jgħid li mument minnhom Barchech "prova jħebb għaliha u fl-inċident weġġgħa PC605". Biss minn dan l-episodju din il-Qorti ssibha diffiċli tikkonkludi li l-intenzjoni tal-imputat Barchech kienet dik li jikkommetti dan ir-reat daqskemm li jipprova jaġixxi ta' bniedem mhux f'sensieh kompletament u atti ta' persuna deliranti jew għaliex ried jirreaġixxi b'mod puerili għad-deċiżjoni tat-tabib jew forsi wkoll biex jipprova juri bil-provi lit-tabib li huwa kien każ ta' l-isptar Monte Carmeli.

Skont l-Imhallef William Harding fil-kawża ***Il-Pulizija vs John Mallia*** deċiża nhar il-21 ta' Mejju 1960 : -

> Jekk wiehed jindahal fid-doveri tal-pulizija u juza mhux biss "vie di fatto", imma vjolenza effettiva allura hu jkun hati ta' attakk u rezistenza lill-Pulizija a differenza tal-kaz, fejn ikun hemm semplici kliem oltragguz jew semplici minacci jew "mera inazione". Fil-kaz tal-persuna li tkun f'idejn il-Pulizija jista' talvolta jkun hemm certa tolleranza, billi dik il-persuna tkun qeghda tirrezisti lill-Pulizja ghax tkun spinta mix-xewqa naturali tal-liberta' proprja; imma din it-tolleranza tispicca malli dik il-persuna tispingi jdejha fuq il-membri tal-Pulizija li jkunu qeghdin izommuha biex

toffendihom fil-persuna taghhom u tmur oltre s-semplici sforz biex tevadi l-arrest.

F'dan il-każ u fl-isfond ta' dak li xehdu l-Aġenti tal-Pulizija involuti il-Qorti ma tqisx li dak li ghamel l-imputat kien li jirreżisti lill-Pulizija daqskemm azzjonijiet ta' bniedem mhux f'sensieh għalkemm din il-Qorti ma tistax tgħid jekk din l-azzjoni kienetx sforz t'aġitazzjoni tal-moħħ jew sforz ta' qżież u arroganza. Il-Qorti għalhekk mhix sejra ssib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni.

**<u>It-tielet imputazzjoni – offiża ta' natura ħafifa fuq PC 605</u>**

Mid-deposizzjoni ta' PC605 jirriżulta li waqt li hu u PS 426 kienu qegħdin jipprovaw jikkalmaw lill-imputat li beda jixxenja kif intqal aktar il-fuq huwa sofra selħa f'idu. A fol 466 PC605 b'mod lejali jgħid li l-grif ġew mhux għax l-imputat Barchech ħebb għalih jew għax dar għalih iżda dawn ġew sakemm Barchech kien qiegħed jiġi mmanettjat. Jirriżulta għalhekk li Barchech ma kienx qiegħed jaġixxi b'mod li intenzjonalment ried li jikkaġuna offiża ta' natura ħafifa fuq PC605. Kif intqal aktar il-fuq il-Qorti mhix moralment konvinta li f'dan il-każ Barchech aġixxa kontra l-Pulizija jew spinġa jdejh fuq il-Pulizija li kienu qegħdin jippruvaw iżommuh **<u>biex joffendihom fuq il-persuna taghhom</u>**. Il-ġrieħi sofferti minn PC605 kienu konsegwenzjali għall-

movimenti fiżiċi inkonsulti tal-imputat biex ma jiġix arrestat, u allura in preda għal dik ix-xewqa naturali għall-liberta' proprja u ma kienux konsegwenzjali għal movimenti fiżiċi oħrajn li permezz tagħhom l-imputat ried li joffendi lil PC 605 fuq il-persuna tiegħu biex iweġġgħu. B'daqshekk pero ma jfissirx li dak li għamel Barchech huwa sewwa. Xejn affattu.

Fuq dan il-punt, il-Qorti sejra ssegwi l-insenjament imnissel mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża ***Il-Pulizija vs Joseph Zahra*** deċiża nhar l-10 ta' Mejju 2002 fejn similment għal dak li ġara f'dak il-każ, fil-każ ta' Barchech ma ġiex pruvat sodisfaċentement li kemm : -

(a) mill-movimenti fiżiċi magħmula mill-imputat waqt li kien qiegħed jirreżisti l-arrest u
(b) mill-grad ta' forza użata minnu waqt din ir-rezistenza

jista' jingħad li l-imputat ippreveda l-possibilita li b'dak li kien ser jagħmel seta' jikkaġuna ħsara u għalkemm ma riedx dik il-ħsara huwa kien indifferenti għall-konsegwenza ta' għemilu b'mod li xorta għamel l-att li kkaguna l-ħsara (intenzjoni pożittiva indiretta).

Iżda dil-Qorti hija konvinta moralment li l-imputat, għalkemm ma riedx jikkawża ħsara lill-min kien qiegħed jipprova jarrestah waqt li qed jipprova ma jħallihomx jimmanettjawh, huwa kien xorta fid-dmir li

jintebaħ li b'dak li kien qiegħed jagħmel seta' jikkaġuna xi ħsara lil min kien qiegħed jipprova jimmanettjah. Kif qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil—kawża ***Zahra*** għalhekk il-hsara ma kienetx dolożament ikkaġunata iżda kienet ikkaġunata kolpożament u għalhekk il-ġrieħi sofferti minn PC 605 ma jistgħux f'dan is-sens jitqiesu li kienu ġrieħi ta' natura ħafifa kaġunati volontarjament mill-imputat, iżda semmai kienu grieħi ta' natura ħafifa ikkaġunati involontarjament filwaqt li l-imputat kien qiegħed jipprova ma jħallix lill-Pulizija jimmanettjawh. Konsegwentement l-imputat għandu jiġi ritenut responsabbli ai termini tal-Artikolu 226(1) tal-Kodiċi Kriminali u mhux tal-Artikolu 214 u 221(1) tal-istess Kodiċi u dan ukoll in bażi għal dak ċertifikat minn Dottor Patrick Huhn a fol 202 b'riferenza għaċ-ċertifikat tiegħu a fol 22. Għalhekk il-Qorti ma tistax issibu ħati fuq it-tielet imputazzjoni in kwantu din timputa feriti kaġunati volontarjament mill-imputat ai termini tal-Artikolu 214 u 221(1) tal-Kodici Kriminali, iżda qegħda ssib lill-imputat ħati tar-reat minuri, iżda kompriż u involut f'dak imputat, t'offiża involontarja fuq il-persuna liema offiża kienet ħafifa ai termini tal-Artikolu 226(1)(c) tal-Kodiċi Kriminali.

**<u>Ir-raba' imputazzjoni - ħsara volontarja fiċ-ċella 122 fil-Lock Up</u>**

Dwar din l-imputazzjoni il-Qorti għandha l-konfort kemm tax-xiehda tal-Prosekuzzjoni, iżda aktar importanti minn hekk għandha l-

ammissjoni tal-istess imputat. A fol 16 l-imputat itenni li huwa kisser l-affarijiet li kien hemm fiċ-ċella u mhux hekk biss anzi qal lill-Ispettur li huwa kien lest li jħallas l-ispejjeż. A fol 17 meta ġie mistoqsi mill-Ispettur jekk kellux iżid xi ħaġa huwa jtenni li "fuq ic-cella jiddispjecini ghax xorta ser nispicca inhallashom jien l-ispejjez". A fol 496 et seq l-imputat stess jammetti li huwa kien qalgħa l-bozza u li kien ta daqqa fuq is-sink.

F'dak l-istadju l-imputat ma kkontestax għalhekk li huwa kkaġuna l-ħsarat. Anzi f'għajnejh huwa ra li dwar dik il-ħsara ma setgħax jagħmel mod ieħor għajr ħlief jammetti in kwantu seħħet quddiem għajnejn il-Pulizija – u mhux bħal dak li ġie mistoqsi fuq it-tentattiv tas-serqa fejn huwa kompla jiċħad l-involviment tiegħu. Verament li l-imputat itenni li huwa għamel din il-ħsara wara li kien hemm Aġent tal-Pulizija li offendih billi qallu li kien ikrah. Pero din l-allegazzjoni ma ġietx soddisfaċentement ippruvata l-anqas sal-grad tal-probabbli.

Kwantu għall-ħsarat kaġunati fl-oġġetti li kienu jinstabu fiċ-ċella 122 fil-Lock Up tal-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija jirriżulta mix-xiehda ta' SM1428 a fol 106 u 393 inkluż dwar in-natura u l-quantum tal-ħsara, PC 1045 a fol 251, PC 971 a fol 267, PC1307 a fol 314, PC813 a fol 384, PC494 a fol 409, PC 996 a fol 420 u PC703 a fol 428 li t-toilet, is-sink, il-vit u l-fanal u bozza fiċ-ċella 122 li fiha kien kustodit l-imputat waqt li kien il-

lock up kienu fi stat tajjeb u mhux danneġġjat qabel ma ġie mdaħħal l-imputat fiċ-ċella u li kien hu li kkaġuna l-ħsara fihom. Il-Qorti hija moralment soddisfatta li din l-imputazzjoni ġiet soddisfaċentement ippruvata.

**<u>Il-ħames imputazzjoni – sewqan mingħajr liċenza tas-sewqan, jew sewqan bla kont, bi traskuraġni kbira jew b'mod perikoluż</u>**

Kwantu għal din l-imputazzjoni, Karen Cremona (a fol 43) u Stephen Cachia (a fol 189) – rappreżentanti ta' Transport Malta kkonfermaw li l-imputat Barchech, li kif jirriżulta minn diversi dokumenti ppreżentat fl-atti li għandu wkoll il-karta tal-identita Maltija 49044A, ma kellux liċenza tas-sewqan Maltija. Għall-kull buon fini jirriżulta li anke meta Cachia għamel ir-riċerka fuq in-numru tal-passaport tal-imputat Barchech bin-numru W300122 jirriżulta li huwa ma għandhux liċenza tas-sewqan valida maħruġa fuq ismu.

Li l-imputat kien qiegħed isuq il-vettura FQZ 816 ġie ampjament ippruvat ukoll mid-deposizzjoni tiegħu nonche mill-istqarrija tiegħu. Fl-istqarrija tiegħu a fol 15 jgħid li huwa saq il-vettura tant li kien il-Belt u wara mar tas-Sliema, u wara Paceville u wara saq lura lejn id-dar. Mill-banda l-oħra a fol 504 l-imputat ammetta li huwa kellu l-liċenza tas-

sewqan barranija tiegħu skaduta u li dak iż-żmien tal-allegata serqa huwa ma kellux liċenza tas-sewqan Maltija.  Il-Qorti tqis din l-imputazzjoni bħala li ġiet soddisfaċentement ippruvata.

Iżda l-Prosekuzzjoni ma addebitatx biss is-sewqan mingħajr liċenza tas-sewqan lil Barchech.  Il-Prosekuzzjoni addebitatlu wkoll is-sewqan tal-vettura b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni kbira jew b'mod perikoluż.

Il-Qorti trid tippremetti li kif qalet qabel, hija moralment konvinta mill-provi kollha miġjuba dwar l-ewwel imputazzjoni li kien l-imputat Barchech li kien qiegħed isuq il-Peugoet 107 bajda bin-numri FQZ 816 u li l-Pulzija raw bil-but ta' wara mgħolli tirriversja fuq il-bankina u li PC 131 / 159 kienet waslet ma Elaidy li kien bit-television set f'idu.  Issa dawk il-Pulizija li kienu involuti f'dik il-parti tal-azzjoni jixhdu bil-mod segwenti dwar l-allegata ħarba tal-Peugoet minn fuq il-lok viċin ta' fejn kienet għadha kif seħħet is-serqa.

A fol 85, PS1187 jixhed li hekk kif is-sewwieq tal-Peugoet 107 lemah lil dan is-surġent iwaqqaf lil Elaidy li kellu t-television set f'idu, l-istess sewwieq telaq "bi speed eċċessiv".

A fol 127 et seq, PC 131 jixhed li s-sewwieq tal-Peugoet 107 telaq minn fuq il-post b'sewqan eċċessiv.

A fol 232, PC159 jixhed ukoll li l-Pulizija kienu lemħu Peugoet bajda tal-għamla żgħira u li dik telqet tiġri "b'veloċita' qawwija" u li kienet ukoll bil-bagoll miftuh.

Il-Qorti tqis li din il-parti tal-imputazzjoni wkoll ġiet soddisfaċentement ippruvata in kwantu s-sewqan ta' vettura (1) bul-but ta' wara miftuħ, (2) bir-reverse u (3) fuq il-bankina bl-ebda mod ma jista' jitqies li huwa sewqan regolari u prudenti. Pero aktar minn hekk il-Qorti hija konvinta moralment ukoll li s-sewwieq tal-istess vettura telaq minn fuq il-post b'veloċita qawwija meta ntebaħ li sieħbu kien twaqqaf mill-Pulizija. Din il-ħarba bil-Peugoet b'veloċita qawwija hija verosimili mhux biss għaliex xehduha tliet aġenti tal-Pulizija, iżda għaliex hija verosimili li persuna li tkun involuta f'serqa tipprova taħrab tiġri mill-Pulizija hekk kif tintebaħ li jkun hemm il-Pulizija ma djulha.

**Is-sitt imputazzjoni – sewqan tal-vettura Peugoet 107 bin-numru tar-reġistrazzjoni FQZ 816 mingħajr kopertura ta' polza assikurattiva kontra r-riskji ta' terzi persuni**.

Din il-vettura kienet ġiet mikrija lil Brenda Farrugia minn Joe Ciscaldi tal-Butterfly Garage. Dan ix-xhud a fol 80 jixhed li huwa għamel il-kuntratt tal-kiri mal-istess Brenda Farrugia u li din ħalset għal kirja ta' ġimgħa. Anzi huwa jżid li meta din ħadet il-karozza nhar id-9 ta' Novembru 2014 "suppost li hi biss kienet saqet, ma seta' jsuqha ħadd minħabba l-insurance hux, hi biss kienet inxurjata biex issuq dik."

Verament li Ciscaldi kien xhud kompetenti biex jgħid min kien inxurjat biex isuq il-vettura in kwistjoni ġaladarba kien hu s-sid tal-vettura u li kien hu li kien jaf il-polza tal-assikurazzjoni lil min kienet tkopri. Iżda l-Prosekuzzjoni ma setgħetx tieqaf biss fuq din ix-xiehda mingħajr ma tipproduċi "the best evidence" fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ. Il-Qorti hija sprovvista mill-aqwa evidenza dwar il-kopertura assikurattiva f'dan il-każ u l-każijiet fejn l-assikurazzjoni ma tkoprix. Minħabba f'hekk din il-Qorti ma tqisx li x-xiehda ta' Ciscaldi hija l-aqwa prova produċibbli li l-imputat ma kienx kopert b'polza tal-assikurazzjoni kif addebitat fis-sitt imputazzjoni.

**<u>It-tminn imputazzjoni – addebitu tar-reċidiva</u>**

Il-Prosekuzzjoni f'dan il-każ ippreżentat żewġ sentenzi eżibiti a fol 107 u 118. Din il-Qorti tqis li almenu kwantu għas-sentenza eżibita a fol 107, l-addebitu tar-reċidiva ġie soddisfaċentement ippruvat.

## ***<u>Deċide</u>***

**A. <u>Salem M. Ali Elaidy : -</u>**

Li wara li rat l-Artikoli 28A sa 28H, 41(1)(a), 49, 50, 261(b)(c)(f), 263(a), 264(1), 265, 266, 267, 278(3), 279(a), 280(2) u 289 tal-Kodiċi Kriminali, kif ukoll l-Artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qegħda ssib lil Elaidy ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Il-Qorti qieset li kemm ilu f'Malta Elaidy diġa ġie misjub ħati li kkommetta reati kriminali fit-3 t'Ottubru 2013 (fejn ingħata liberazzjoni kondizzjonata), fil-25 ta' Novembru 2013 (fejn ingħata sentejn priġunerija sospiżi għal erba' snin), kif ukoll fl-24 t'Ottubru 2014 fejn kien tqiegħed taħt ordni ta' probation għal perjodu ta' tliet snin u fejn is-sentenza ta' priġunerija sospiża ġiet estiża lilu għal erba' snin.

B'dawn it-tip ta' pieni, huwa ċar li huwa ingħata tliet opportunitajiet minn dawn il-Qrati sabiex jipprova jirriforma ruħu u joqgħod lura milli

jikser il-Liġi ta' Malta. Iżda b'xorti ħażina jidher li huwa ma ħax dawn l-opportunitajiet li ġew mogħtija lilu mill-Qrati Maltin. Issa din il-Qorti għandha idejha marbuta u ma tistax tagħti aktar opportunitajiet lill-imputat. Anzi ma tistax tagħlaq għajnejha aktar għall-fatt li l-imputat qatt ma ingħata sentenza ta' priġunerija effettiva wasal biex forsi jaħseb li f'Malta kollox jgħaddi u tista tiddelinkwi mingħajr ma tbagħti l-konsegwenzi. Din il-Qorti hija kostretta li f'dan il-każ timponi piena ta' priġunerija effettiva, li tittratta konta l-ħati għall-ksur tal-ordni tal-probation kif ukoll li tirrendi operattiva s-sentenza ta' priġunerija sospiża. Għaldaqstant :

(a) Kwantu għall-ewwel imputazzjoni il-Qorti qegħda tikkundanna lill-ħati għal perjodu ta' **erbgħa u għoxrin (24) xahar priġunerija.**

(b) Kwantu għas-seba' imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu :-

 (i) kwantu għall-kommissjoni tar-reat matul il-perjodu ta' ordni ta' probation, il-Qorti a tenur tal-Artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lil Salem Elaidy ħati li kiser il-kundizzjonijiet tal-ordni ta' probation mogħtija lilu skont kif imsemmi fl-istess imputazzjoni u għalhekk qegħda tittratta mal-ħati għall-imputazzjonijiet li dwarhom hu kien impoġġi taħt din l-ordni daqs li kieku għadu kemm ġiet dikjarat ħati minn jew quddiem din il-Qorti għal dawk l-imputazzjonijiet u filwaqt li għal kull buon fini tikkonfermah ħati fir-rigward tal-imsemmija imputazzjonijiet, tħassar l-ordni tal-probation mogħtija lilu fis-sentenza imsemmija fis-

seba’ imputazzjoni u wara li rat l-Artikoli 17(b), 261(f), 270, u 281(a) tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll l-Artikoli 7, 21, 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta tikkundanna lill-imsemmi Salem Elaidy għall-piena ta’ **tnax (12) il-xahar priġunerija**.

(ii) Kwantu għall-kommissjoni tar-reati matul il-perjodu operattiv ta’ sentenza sospiża il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 28A u 28B tal-Kodiċi Kriminali, filwaqt li qiegħda ssib li Salem Elaidy wettaq ir-reati li għalihom hemm piena ta' priġunerija matul il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża, ai termini tal-Artikolu 28B(1) tal-Kodiċi Kriminali qiegħda titratta miegħu għar-rigward tas-sentenza sospiża u konsegwentement qiegħda tordna li s-sentenza ta’ **erbgħa u għoxrin (24) xahar priġunerija** sospiżi għal erbgħa snin għandha tibda' sseħħ b’effett immedjat.

Għall-fini ta’ kjarezza qiegħed jiġi ddikjarat li l-ammont totali ta’ priġunerija effettiva li jrid iservi l-ħati Salem Elaidy bis-saħħa ta’ din is-sentenza huwa ta’ **<u>sittin (60) xahar priġunerija.</u>**

**B. <u>Abderraouf Barchech</u>**

Li wara li rat l-Artikoli 17(b), 41(1)(a), 49, 50, 96(a), 221(1), 226(c), 261(b)(c)(f), 263(a), 264(1), 265, 266, 267, 278(3), 279(a), 280(2), 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, kif ukoll l-Artikoli 15(1)(a)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta nonche l-Artikolu 3(2) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qegħda ssib lil Abderraouf Barchech mhux ħati tat-tieni u s-sitt imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu stante li ma ġewx soddisfaċentement ippruvati sal-grad rikjest mill-Liġi u għalhekk tilliberah minn kull ħtija u piena dwarhom. Mill-banda l-oħra il-Qorti qegħda ssib lill-istess Abderraouf Barchech ħati tal-kumplament tal-imputazzjonijiet kontestati lilu u ċjoe l-ewwel, it-tielet skont artiklu 226, ir-raba', il-ħames u t-tminn imputazzjonijiet stante li ġew soddisfaċentement ippruvati sal-grad rikjest mill-Liġi.

Il-Qorti qieset li kemm ilu f'Malta Abderraouf Barchech diġa ġie misjub ħati li kkommetta reati kriminali fid-9 ta' Marzu 2010 u fit-23 ta' Jannar 2013 u jirriżulta li anke hawnhekk, Barchech ma għarafx jgħix f'Malta fil-kwiet u mingħajr ma jinkorri f'reati kriminali. Din il-Qorti għandha idejha marbuta u fid-dawl tal-plurireċidivita tal-imputat ma tistax tagħti sentenza ħlief dik ta' priġunerija effettiva.

Għaldaqstant il-Qorti qegħda tikkundanna lil Abderraouf Barchech għall-piena ta' **<u>tletin (30) xahar priġunerija</u>** filwaqt li tordna li l-ħati jiġi skwalifikat milli jkollu jew jottjeni liċenza tas-sewqan għal perjodu ta' **sitt xhur**.

***Mogħtija illum, il-21 ta' Marzu 2016 fil-Bini tal-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***